# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 21 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 3**

**Rikors numru 380/2009/2 JPG**

**Linda Jane Bannell u b'digriet tad-9 ta' Diċembru 2009**
**Deborah Said ġiet nominata mandatarju speċjali**

**v.**

**Carmel Camilleri**

1. Il-konvenut appella mis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Frar 2018 dwar il-likwidazzjoni ta' dak li xi darba kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti li kellhom il-partijiet, u dan wara li l-attriċi ngħatat id-divorzju fir-Renju Unit u rreġistratu f'Malta fit-13 ta' Frar 2009.

2. Il-kawża nbdiet b'rikors maħluf preżentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' April 2009, permezz ta' liema l-attriċi ppremettiet u talbet kif ġej:

> *"1. Illi l-partijiet izzewwgu fil-21 ta' Marzu 1990 u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal: Kristy Elizabeth Camilleri li twieldet fit-8 ta' Jannar 1991 illum maggorenni, u Benedict Edward Camilleri li twielet fit-22 ta' Gunju 1993;*
>
> *2. Illi l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti kienet saret impossibli minhabba ragunijiet attribwibbli lill-konvenut kif ukoll minhabba l-fatt illi l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti tkissret irrimedjabbilment;*
>
> *3. Illi l-esponenti applikat u ottjeniet divorzju mill-Ingilterra, senjatament Kingston-Upon-Thames County Court, liema divorzju gie registart fir-Registru Pubbliku ta' Malta, u fit-13 ta' Frar 2009 saret l-annotament relattiv fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet u dana kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala DOK A;*
>
> *4. Illi ghalkemm iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti gie xjolt bis-sentenza tal- Kingston-Upon-Thames County Court tal-10 ta' Ottubru 2008, liema senteza saret res judicata fis-26 ta' Novembru 2008, ghad hemm assi u dejn komuni tal-partijiet;*
>
> *GHALDAQSTANT JGHID IL-KONVENT ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:*
>
> *1. Tordna l-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti appartenti lill-kontendenti u tordna li l-istess propjeta' formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti tigi maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, u dan okkorendo bl-opera ta' perit nominat sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv fil-jum, hin u lok li jigi ffisat u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att. u li f'kaz li l-beni formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jew uhud minnhom jirrizultaw mhux divizibbli ghaliex m'ghandhiex dil-Qorti tordna l-licitazzjoni tal-istess beni u r-rikavat jinqasam bejn l-kontendenti ugwalment:*
>
> *2. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas jew jikkonsenja lill-attrici skond il-kaz, il- krediti u propjeta' parafernali.*
>
> *BL-ISPEJJEZ- kontra l-konvenut ingunt minn issa stess in subizzjoni."*

3. Il-konvenut wieġeb bil-ġurament illi:

*"1. Illi in linea preliminari, in-nuqqas ta kompetenza 'rationae materiae' ta' din l-Onorabbli Qorti u l-konsegwenti nullita' tal-proceduri stante illi l-odjerni proceduri kellhom jigu inizjati quddiem l-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) inkluz il-procedura tal-medjazzjoni.*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz l-esponent ma jsibx oggezzjoni ghal tali divizjoni, purche' 1) issir verifika ta l-attiv u passiv 2) jigu akkordati l-krediti neccessarji u jsiru dawk l-assenjazzjonijiet tal-komunjoni tal-akwisti.*

*3. Salv risposti ulterjuri."*

4. Permezz ta' sentenza tal-5 ta' Mejju 2010, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet li għandha l-kompetenza sabiex tiddeċiedi l-kawża u ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenut li m'għandhiex kompetenza *ratione materiae*.[1] Fuq talba tal-konvenut, il-Prim Imħallef b'digriet mogħti fit-28 ta' Mejju 2010 ikkonferma li l-kawża għandha tibqa' assenjata lil dik il-Qorti.[2]

5. Permezz ta' sentenza mogħtija fis-26 ta' Frar 2018, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet billi:

*"1. Tordna illi l-fond bl-indirizz jinbiegh fuq is-suq liberu ghal prezz ta' mhux anqas minn €200,000, eskluz kwalunwke senserija, sakemm il-partijiet ma jaqblux bilmiktub illi l-fond jinbiegh bi prezz anqas, bi dritt ta' first refusal favur l-intimat. Il-Qorti tordna wkoll illi jekk il-partijiet ma jkunux fuq konvenju rigward dan il-fond fi zmien sena mid-data ta' din is-sentenza, il-fond ghandu jinbiegh bis-subbasta taht l-awtorita tal-Qorti. Ir-rikavat ta' dan il-bejgh ghandu l-ewwel imur sabiex tigi saldata kwalunkwe somma tkun ghada dovuta lil bank ghal-house loans relattivi, u l-bqija tar-rikavat ghandu jinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet;*

*2. Tordna lir-rikorrenti sabiex thallas lill-intimat is-somma ta' €13,408.87, rapprezentanti nofs il-pagamenti maghmulin mill-intimati ghall-pagamenti tal-loan fuq id-dar matrimonjali, hlasijiet tac-cens u maintenance fees ghall-istess fond mit-13 ta' Frar 2009 sa Mejju 2017;*

---

[1] Fol. 78 *et seq*.
[2] Fol. 86 – 88 (Proċedura li kienet tapplika skont l-Avviż Legali 9 tal-2004).

*3. Tordna lir-rikorrenti sabiex thallas lill-intimat is-somma ta' €2,088.80 rapprezentanti flus percepiti mill-intimat mill-eredita ta' missieru;*

*4. Tordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' €23,293.73 rapprezentanti nofs l-introjtu tal-bejgh ta' sehem l-intimat min-negozju Cherry Tree Bar and Restaurant;*

*5. Fir-rigward tal-oggetti mobbli, tordna li kull parti ghandha z-zomm dawk l-oggetti mobbli diga fil-pussess taghha;*

*6. Tordna illi l-polza tal-assigurazjoni numru FP44121 tigi likwidata, u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.*

*L-ispejjez ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet."*

6. Il-konvenut appella minħabba li:

(i) il-Qorti tal-ewwel grad ordnat il-bejgħ tal-fond ġja d-dar matrimonjali għal prezz ta' mhux inqas minn €200,000, ċifra li ma kienx hemm ftehim dwarha u lanqas ma tirriżulta mill-provi;

(ii) ir-rifużjoni li ġiet ordnata tħallas l-appellata għall-pagamenti mensili minnu versati akkont tas-self bankarju ma kellihex tieqaf sa Mejju 2017 iżda għandha tiġi kkalkolata sa meta jinbiegħ l-immobbli;

(iii) is-sehem tiegħu minn *Cherry Tree Bar and Restaurant* kien ta' 25% biss u r-rikavat mill-bejgħ ta' dak l-avvjament għaddieh lil ħuh akkont tal-flus li ssellef mingħandu għal miljoramenti fl-istess ristorant, u għad hemm bilanċ dovut lil ħuh fis-somma ta' €56,400. Fl-aggravju qal li sehem akkwistah qabel iż-żwieġ.

(iv) rigwardanti l-immobbli u l-vettura mhux ġust li kull parti tibqa' b'dak li ħadet; u

(v) il-polza ta' assigurazzjoni fadal żmien sabiex timmatura u hija marbuta mal-kreditu dovut lill-Bank fuq is-self tad-dar. Din m'għandhiex valur sakemm tiġi mħallsa.

7. Da parti tagħha l-appellata wieġbet li l-Qorti għandha tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Konsiderazzjonijiet.

*Il-prezz minimu għall-bejgħ tal-fond.*

8. L-appellant jilmenta mill-fatt li ġie ordnat il-bejgħ tad-dar bil-prezz ta' mhux inqas minn €200,000, mingħajr qbil bejn il-partijiet u lanqas m'hemm prova li tikkonferma li l-fond għandu dak il-valur. Jinsisti li l-valur tal-appartament (29, The White House Triq id-Dulur, San Pawl il-Baħar li jinkludi garaxx u *store room*) hu €120,000.

9. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward kienu s-segwenti:

> *"Il-Qorti rat illi l-partijiet ma sottomettewx valutazzjoni tal-fond, u dan minkejja illi ma jaqblux rigward il-valur tal-fond. Skont l-intimat, il-valur ta' dan il-fond illum il-gurnata huwa ta' €120,000. Il-Qorti pero tqis illi dan huwa ghal kollox inverosimili, specjalment ikkonsidrat illi meta l-partijiet xtraw il-proprjeta fl-2002 din kienet tiswa €106,976.74 (ekwivalenti ta' Lm46,000). Huwa inverosimili illi fi kwazi sittax – il sena, il-valur ta' din il-proprjeta apprezza biss b'€14,000, meta huwa risaput illi specjalment f'dawn l-ahhar snin, il-valur tal-proprjetajiet ghola b'mod sostanzjali. Il-Qorti ghalhekk tqis illi aktar verosimili illi l-fond ghandu valur qrib l-€200,000, u ghalhekk ghandu jinbiegh ghal mhux anqas minn din is-somma, sakemm il-partijiet ma jaqblux bil-miktub li huma lesti li jaccettaw somma aktar baxxa."*

10. Mill-atti jirriżulta li fit-13 ta' Awwissu 2002 il-partijiet xtraw fiż-żwieġ[3] appartament f'San Pawl il-Baħar inkluż store room kif ukoll sehem mill-partijiet komuni tal-kumpless tal-appartamenti li fih jinsab, suġġett għaċ-ċens annwu perpetwu ta' Lm40, għall-prezz ta' Lm46,000 (ekwivalenti għal €107,151) li minnhom Lm6,000 (ossija €13,976.24) jirrappreżentaw il-valur tal-għamara. Permezz tal-istess kuntratt xtraw ukoll garaxx taħt l-istess appartament għall-prezz ta' Lm4,000, ekwivalenti għal €9,317.49. Għaldaqstant, il-prezz totali kien Lm44,000 ekwivalenti għal €102,492.43. Skont l-inventarju ppreżentat mill-konvenut innifsu,[4] l-appartament jikkonsisti fis-segwenti: '*main bedroom*', '*terrace*', *'Ben's room'*, *'spare room'*, *'front room'*, *'bathroom', 'kitchen'* u '*hall'.*

11. Permezz ta' dokument mehmuż mat-tweġiba maħlufa tal-appellant,[5] ippreżentata f'Ġunju tal-2009, qal li dak iż-żmien l-

---

[3] Fol. 15 *et seq*.
[4] Fol. 99 – 100.
[5] Fol. 54.

appartament kien jiswa €130,000. Somma differenti minn dik dikjarata fl-istatement aġġornat tal-qasma li ppreżenta f'Mejju tal-2017 u fir-rikors tal-appell fejn iddikjara l-valur bħala €120,000. Ma tirriżulta l-ebda raġuni għalfejn dik id-diskrepanza.

12. Min-naħa tagħha, f'Diċembru tal-2011, l-appellata ppreżentat affidavit fejn qalet li l-appartament sovrastanti dak proprjeta` tal-partijiet kien għal bejgħ għall-prezz ta' €210,000 liema appartament la kellu garage u lanqas store.[6] Sostniet ukoll illi proprjeta` simili fil-viċin kienet għal bejgħ għal €200,000 skont dokument maħruġ minn *estate agent.*[7]

13. Verament illi dan ma jfissirx illi l-proprjetajiet li għalihom irreferiet l-appellata nbiegħu għall-prezz mitlub reklamat. Madanakollu, irid jitqies ukoll li s-sentenza appellata ngħatat fi Frar tal-2018, filwaqt li f'Ġunju 2009 l-appellant iddikjara li l-fond kellu valur ta' €130,000. Minn dak iż-żmien għaddew iktar minn tnax-il sena. Hu magħruf li s'issa f'Malta biż-żmien bini iżid fil-valur u mhux tonqos. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tqisx li s-somma ta' €200,000 hi stima ferm eċċessiva tal-valur tal-fond. Dan meta tqis li hemm *store* u garaxx ukoll u li kważi għoxrin sena ilu nxtraw għall-prezz ta' €102,492. Il-Qorti tqis prezz ta' €200,000 hu wieħed raġonevoli għall-appartament bin-numru tal-kmamar li jissemmew fl-inventarju.

[6] Fol. 190.
[7] Fol. 195.

14. Hu fl-interess ta' kull parti li ġġib l-aħjar prezz possibbli. L-appellant m'għamilx argumenti li b'dak li ordnat l-ewwel Qorti ser jiġi ippreġudikat.

15. Għaldaqstant, tiċħad l-aggravju.

*Ir-rifużjoni dovuta mill-appellata għad-djun imħallsa mill-appellant.*

16. Dwar ir-rifużjoni dovuta mill-appellata lill-appellant għal-pagamenti li għamel lill-bank għas-self li kien ittieħed sabiex inxtara l-immobbli, il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-ewwel grad kienu:

> *"Rigward l-ammonti mhallsin mill-intimat, l-intimat jikkalkola l-ammont li r-rikorrenti ghandha tirrifondi nofsu fuq perjodu bejn April 2007 u Mejju 2017. Illi pero, id-divorzju ta' bejn il-kontendenti gie rregistrat hawn Malta fit-13 ta' Frar 2009, u ghalhekk huwa minn dak il-punt illi ghandu dritt ghar-rifuzjoni ta' nofs l-ammonti mhallsin minnu, peress illi qabel din id-data, il-hlasijiet kienu ghadhom qed isiru mill-komunjoni, u dan a tenur tal-Artikolu 1319 tal-Kodici Civili. Ghalhekk il-perjodu applikabbli ghandu jkun bejn it-13 ta' Frar 2009 sa Mejju 2017. Ghalhekk dak dovut mir-rikorrenti huwa:*
>
> - *In kwantu ghal-pagamenti tac-cens, gie mhallas mill-intimat €93.17 kull sena ghal 8 snin, u cioe €745.36. Ghalhekk sehem ir-rikorrenti huwa ta' €372.68.*
> - *In kwantu ghal-pagamenti tal-maintenance fee, gie mhallas mill-intimat €430 kull sena ghal 8 snin, u cioe €3,440. Ghalhekk sehem ir-rikorrenti huwa ta' €1,720*
> - *In kwantu ghal pagamenti tal-loans, saru 99 pagamenti mill-intimati fuq perjodu ta' tmien snin u tliet xhur ta' €228.61 kull wiehed, u cioe total ta' €22,632.39. Ghalhekk sehem ir-rikorrenti huwa ta' €11,316.20.*
>
> *Ir-rikorrenti ghandha ghalhekk tirrifondi lill-intimat is-somma ta' €13,408.87."*

17. L-appellant jilmenta iżda illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tieqaf sa Mejju 2017. Jikkontendi li '*hemm qbil pero` dana kellu jiġi kalkolat sad-data tas-sentenza definittiva u oltre minn hekk sad-data tal-assenjazzjoni tagħha.'*

18. Fix-xhieda tagħha l-appellata kkonfermat illi l-pagamenti in kwistjoni jitħallsu mill-appellant waħdu.[8] Fil-fatt, fir-risposta tal-appell ma kkontestatx dan l-ilment għal kollox. Wieġbet biss illi '*ladarba l-appellant għoġbu jintavola dan l-appell, isegwi, li jekk huwa jibqa' jħallas il-pagamenti rateali, allura dawn jakkumulaw mas-somma li tkun dovuta lilu mal-bejgħ tal-fond mertu ta' dina l-kawża.'*

19. Jidher li l-Qorti tal-ewwel grad ibbażat id-deċiżjoni fuq rendikont aġġornat tal-qasma li l-appellant ippreżenta fit-3 ta' Mejju 2017, fejn iddikjara li ħallas total ta' €27,661.81 matul il-perjodu bejn April 2007 u Mejju 2017.[9] Għalkemm fl-atti m'hemmx prova dwar pagamenti li saru wara dik id-data, fl-istess dokument l-appellant kiteb dwar *loan repayments,* '*we agreed I pay then she pays back 50%'.* Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali qal, '*kien sar ftehim li diment li jibqgħu jgħixu fiha id-dar ma tinbiegħx. Jekk jiddeċiedu w jaqblu li jbiegħu d-dar huwa jirkupra l-pagament kollha minnu magħmula.'*

---

[8] Fol. 410.
[9] Fol. 415.

20. Il-Qorti tal-ewwel grad ma setgħetx mal-ammont ta' €13,408.87 iżżid ħlasijiet oħra li setgħu tkomplew isiru mill-appellant wara d-data fuq imsemmija u li ma jirriżultawx mill-provi, kif jidher li jippretendi l-appellant. Lanqas setgħet tillikwida l-pagamenti li għad iridu jitħallsu fil-futur wara s-sentenza. Madanakollu, l-appellant għandu raġun jilmenta illi fil-parti dispożittiva tas-sentenza ma ntqal xejn fir-rigward tal-pagamenti tad-dejn fuq l-istess fond li seta' kompla jħallas wara d-data fuq imsemmija u li għad jista' jkompli jagħmel l-appellant sakemm jinbiegħ il-fond. F'dan ir-rigward fil-parti dispożittiva ta' din is-sentenza ser tingħata ordni biex tindirizza dik l-eventwalita`.

*Id-dħul u d-djun minn Cherry Tree Bar and Restaurant.*

21. L-appellant jilmenta wkoll li *Cherry Tree Bar and Restaurant* akkwistah qabel iż-żwieġ. Jikkontendi li 50% ta' din l-attivita` kien jappartjeni lill-*business partner* tiegħu, Joe Borg, filwaqt li 50% kienu tiegħu u ta' ħuh Paul Camilleri. Isostni wkoll illi huwa ssellef ħafna flus mingħand ħuh għal dan l-avvjament u għalhekk ir-rikavat tal-bejgħ ta' sehmu tah lil ħuh. Madanakollu, għad fadallu jagħtih €56,400. Jikkontendi li nofs dan id-dejn għandu jitħallas mill-appellata.

22. Għal dak li jirrigwarda l-akkwist ta' sehem fin-negozju ta' Cherry Tree Bar and Restaurant, il-Qorti tosserva:

i. Fir-rendikonti li ppreżenta l-appellant (ara per eżempju fol. 251 fejn jingħad *"I owe her share as not yet paid €11,650 I owe for sale".* Hemm ukoll dokument a fol. 416 li l-appellant irrefera għalih bħala *statement* aġġornat tal-qasma u fih inkluda l-ħlas li rċieva mingħand Joseph Borg) irrikonoxxa li l-appellata għandha sehem mill-flus li kien ħallsu Borg biex akkwista s-sehem tiegħu fl-2004;

ii. Ma ressaqx prova meta kien reġistrat il-partnerhsip *en nom collectif* Jaycee Catering u jekk kienx sħab mill-bidunett. Il-prezunzjoni skont il-liġi hi li l-ġid jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. L-oneru tal-prova biex twaqqa' dik il-prezunzjoni, kienet fuq l-appellant. F'dan ir-rigward ma ġie ppreżentat l-ebda ftehim bil-miktub bejn l-appellant u Joseph Borg. Meta Joseph Borg xehed fis-seduta tad-19 ta' Ġunju 2012 qal *"..... ma niftakarx eżatt id-data meta ħadnih ir-restaurant f'Buġibba"*.

iii. L-appellant jippretendi li l-appellata hi debitriċi wkoll tal-allegat dejn li jgħid li għandu ma' ħuh fir-rigward tan-negozju;

iv. L-iskrittura datata 25 ta' April 1989 m'hijiex id-dokument li bih l-appellant akkwista sehem fil-Jaycee Catering. Dak il-ftehim sar bejn l-appellant u ħuh u jagħti wieħed x'jifhem li l-*partnership* kien għadu ma sarx. Fil-fatt fih jingħad li *".... while entering into a business venture in Malta i.e. The Cherry Tree Pub & Restaurant*

*he will be taking on his brother Paul Camilleri......"*. Iż-żwieġ bejn il-partijiet kien ċelebrat fil-21 ta' Marzu 1990;

v. Meta sar it-trasferiment tas-sehem fil-*partnership* Jaycee Catering, l-appellata kienet parti għall-iskrittura privata datata 27 ta' Ottubru 2004. Veru li fl-iskrittura jingħad li fi klawsola 8 jingħad li l-appellata u Phyllis Borg *"8..... are..... hereby giving their respective consent to the transfer being effected by virtue of this Agreement and all the remaining clauses contained herein"*. Pero` meta tqis il-konsiderazzjonijiet l-oħra li saru, dik il-klawsola ma tistax titqies bħala l-aħjar prova li s-sehem fin-negozju kien parafernali tal-appellant.

23. L-appellata wieġbet illi l-ewwel Qorti għarfet li l-provi prodotti mill-appellant f'dan ir-rigward huma fabbrikati u għalhekk id-diskrezzjoni tagħha f'dan ir-rigward m'għandhiex tiġi disturbata.

24. L-ewwel Qorti kkonkludiet li l-allegati djun ma' Paul Camilleri m'humiex kredibbli. Ikkonkludiet ukoll illi kieku kellha temmen il-verzjoni tal-appellant, dawn ma jistgħux jiġu mgħobbija fuq il-komunjoni tal-akkwisti għaliex ma jistax jingħad li d-dejn allegatament akkumulat minnu kien att normali ta' gestjoni ta' negozju. Dan ikkunsidrat illi:

> *"1. L-intimat kien qed jissellef ammonti sostanzjali ta' flus meta n-negozju kien diga qieghed f'posizzjoni finanzjarja prekarja, u dan bil-mohbi tar-rikorrenti;*

> *2. L-intimat issellef il-flus minghand huh wahdu, u dan minkejja illi kellu sieheb fin-negozju, li flimkien kienu jezercitaw in-negozju permezz ta' parternship a nom collectif, u li kieku ghalhekk kien ikun responsabbli ghal nofs id-dejn;*
>
> *3. L-intimat kompla jiddejjen meta kien diga ha self ta' xi £90,000 (Vide fol AC1 a fol 256) qabel ma beda n-negozju, kagun ta' liema 25% mill-profitti tan-negozju, li kienu wara z-zwieg introjtu tal-komunjoni, kienu qed imorru minflok biex ihallsu dejn parafernali tal-intimat;*
>
> *4. L-intimat ma kienx jiggestixxi negozju tramite limited liability company u ghalhekk kien qieghed f'riskju finanzjarju personali akbar, u r-rikorrenti ma kellha l-ebda ghazla dwar dan peress illi kien dahal f'din l-ishubija qabel iz-zwieg."*

25. Rigward is-somma li rċieva l-appellant għall-bejgħ ta' sehmu min-negozju *The Cherry Tree Bar and Restaurant* l-ewwel Qorti kkunsidrat ukoll illi:

> *"Jirrizulta illi l-intimat irceiva s-somma ta' €46,587.47 (ekkwivalenti ghal LM20,000) ghal bejgh ta' sehemu minn dan in-negozju. Huwa jikkonferma illi ma ta xejn minn dan l-ammont lir-rikorrenti, u jghid illi dan l-ammont tah kollu lil huh sabiex jibda jhallsu lura l-ammont dovut lilu. Il-Qorti tibda biex tirrileva illi din l-asserzjoni tal-intimat m'hija xejn kredibbli, mhux biss ghaliex il-Qorti sabet illi l-ezistenza innfisha tad-dejn m'ghandhiex mis-sewwa. Dan qieghed jinghad ukoll ghaliex l-intimat beda l-ewwel billi jghid li lil huh ghadu ma hallsu xejn, imbaghad biddel din il-verzjoni u beda jghid illi s-somma li rcieva mill-bejgh tan-negozju ghaddiha lil huh bhala hlas in parti tas-somma dovuta lilu. Barra minn hekk, ghal dak li jirrigwarda il-persentagg ta' 25% li skont l-intimat huwa dovut lil huh ai termini tal-iskrittura tal-1989, il-Qorti tirrileva illi anke li kieku kellha temmen li dan is-self sar, dan ma jistghax jithallas mir-rikavat tal-bejgh ta' sehem l-intimat, ghaliex dak ir-rikavat huwa tal-komunjoni filwaqt li d-dejn tal-1989 huwa dejn parafernali."*

26. L-appellant ippreżenta skrittura privata li allegatament saret bejnu u ħuh Paul Camilleri fil-25 ta' April, 1989[10] bil-kliem '*Private Loan Agreement'*. Madanakollu, fis-sustanza tiegħu l-ftehim ma kienx wieħed ta' self iżda kien jikkonsisti f'dikjarazzjoni li Paul Camilleri ser jagħmel

[10] Fol. 41.

pagament ta' £90,517 sabiex jidħol bħala '*silent partner'* b'sehem ta' 25% fin-negozju *The Cherry Tree Bar and Restaurant*. Da parti tiegħu l-appellant kellu wkoll joħroġ l-istess ammont ta' flus sabiex jiffinanzja 25% oħra tal-istess negozju. Ftehmu li Paul Camilleri kellu jkun *'silent partner'* b'kull wieħed minnhom ikollu sehem ta' 25%, filwaqt li l-50% l-oħra tan-negozju jkunu ta' Joseph Borg. Skont l-istess ftehim Paul Camilleri '*will have no say in the running but will have to credit 25% of profits to Paul if the premises were to be sold Carmel will have to pay back 25% of selling price without interest'.*

27. Ma tressqitx prova dokumentarja li l-flus li jissemmew fl-iskrittura tħallsu minn Paul Camilleri. Lanqas ma jissemmew fir-rendikont li ppreżenta l-konvenut.[11]

28. L-appellant jgħid li mill-1993 in-negozju mar ħażin.[12] Minkejja dan, permezz ta' tliet skritturi privati datati 25 ta' Marzu 1993,[13] 18 ta' Mejju 1996[14] u 10 ta' Novembru 1999[15] allegatament issellef mingħand ħuh Paul Camilleri, £6,000, £18,000 u £22,000 sabiex jiffinanzja sehmu minn spejjeż relatati man-negozju. Kuntrarjament għal dak allegat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellant,[16] ħuh l-ieħor Joe ma jiffigurax f'dan is-self.

[11] Fol. 416.
[12] Fol. 397 u 436.
[13] Fol. 38.
[14] Fol. 40.
[15] Fol. 39.
[16] Fol. 436.

Fl-imsemmija skritturi hemm ukoll il-firma ta' 'R. Camilleri' bħala *witness to signature*, li ma xehedx fil-kawża.

29. Skont l-appellant issellef is-£6,000 mingħand ħuh Paul għal *renovations* u £18,000 oħra '*biex nibqgħu għaddejjin'*[17] iżda n-negozju *The Cherry Tree Bar and Restaurant* falla[18] b'dan illi fl-2004 huwa ddeċieda illi jbiegħ is-sehem f'ismu lil Joseph Borg għal Lm20,000. L-appellant isostni iżda li s-sehem tiegħu minn dik is-somma kien Lm10,000 peress li n-nofs l-ieħor kienu effettivament ta' ħuh Paul.[19] Żied igħid li madanakollu dan tal-aħħar ħa l-ammont sħiħ akkont tas-somma ta' £46,000 (illum ekwivalenti għal €53,672.74) li kien sellfu ħuh Paul. Xehed ukoll illi:

> *"għadni nħallsu sallum. Mill-paga nħallas il-flat u nħallas daqsxejn lil ħija, irrid inżomm lil kulħadd happy. Nibqa' nħallas dejjem jiena."*[20]

30. Imgħaxijiet ma ssemmewx. Jistona l-fatt illi minkejja l-allegat ħlas ta' Lm10,000 u ħlasijiet oħra mensili, fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant isostni li hu debitur ta' ħuh fl-ammont ta' €56,400, ċioe` somma akbar minn dik li suppost issellef.

31. Da parti tagħha l-appellata[21] xehdet li ma taf xejn dwar l-allegat self fl-ammont ta' £46,000:

---

[17] Fol. 396.
[18] Fol. 395 – 396.
[19] Fol. 397.
[20] Fol. 396.
[21] Fol. 192 u 412.

> *"I have never heard of these loans and I have seen the agreements filed by the defendant for the first time in my life. I spoke to the defendant's ex-business partner and he informed me that he does not know of any loans. The only time any refurbishment was carried out on the Cherry Tree Pub which at the time was owned by my ex-husband and his partner Joseph Borg, the funds were paid to them by Farsons, in terms of an exclusive supplier agreement."*[22]

32. Għalkemm il-ftehim ma' Farsons ma jirriżultax mill-provi, dak allegat mill-appellata jirriżulta sostnut minn dak dikjarat mill-appellant fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fejn qal hekk:

> *"il-post ġie renovat u tħallas minn self kontra skonti ma' Farsons. Kienet titħallas ma' kull xirja."*[23]

33. Joseph Borg xehed[24] li l-appellant kien il-partner tiegħu f'*The Cherry Tree Bar and Restaurant* tramite kumpanija jisimha Jaycee Catering. Ikkonferma li kienu nvestew il-flus biex għamlu *refurbishment* u maż-żmien kien hemm bżonn ukoll ta' *maintenance* għall-*wear and tear* iżda ma jirriżultawx l-ammonti preċiżi li sar għal dan il-għan. Ix-xhud qal li l-flus kienu joħorġu jew mill-kumpanija jew minn butu personali. Għal dak li tħallas minnu personalment ippreżenta l-irċevuti a fol. 223 et seq. iżda xi tħallas mill-kumpanija ma jirriżultax.

34. Paul Camilleri, ħu l-appellant, xehed darbtejn. L-ewwel darba[25] qal li sellef lill-appellant £136,517 ekwivalenti għal €167,206 (illum

[22] Fol. 192.
[23] Fol. 436.
[24] Fol. 214.
[25] Fol. 254 *et seq*.

€159,665.62) u ma tħallas xejn lura. Meta mbagħad ġie riprodott[26] qal li mis-somma ta' €167,915.91 tħallas lura biss is-somma ta' Lm20,000 skont 'Dok PC1.'[27] Ikkonferma li l-ħlas ta' Lm20,000 huma dawk li jissemmew fil-kuntratt tas-27 ta' Ottubru 2004 a fol. 28 – 29, u li bih il-partijiet ittrasferew sehemhom f'Jaycee Catering.

35. L-inkonsistenzi bejn il-verżjonijiet tal-appellant u ħuh huma pależi:

(i) Fl-ewwel lok, Paul Camilleri jippretendi li l-appellant iħallsu lura s-somma komplessiva ta' £136,517, ċioe` mhux biss is-somom li sellef fl-1993, 1996 u 1999 iżda ukoll is-somma li allegatament selfu fl-1989. Fir-rigward tal-1989 m'hemmx prova dokumentarja li sar xi self. Inoltre, isostni li l-appellant ħallsu lura s-somma sħiħa ta' Lm20,000 akkont tad-dejn u mhux Lm10,000 (sehem l-appellant).[28] Dan jikkozza mal-allegat ftehim tal-25 ta' April, 1989, skont liema dokument, Paul Camilleri allegatament ħallas £90,517 għal sehem ta' 25% fl-istess negozju bil-kondizzjoni li jitħallas 25% tal-profitti u li meta jinbiegħ jitħallas 25% tas-*selling price*. Kieku l-Qorti kellha temmen il-verżjoni ta' dan ix-xhud, ikollha bilfors

[26] Fol. 257.
[27] Fol. 256.
[28] Fol. 397

tikkonkludi li l-allegat ftehim tal-1989 m'għandux mis-sewwa, fis-sens illi mhux minnu li Paul Camilleri kien *silent partner* fin-negozju b'sehem ta' 25%. Min jissieħeb f'negozju m' għandu l-ebda jedd jippretendi li jieħu lura l-kapital investit minn azjenda falluta;

(ii) Apparti dan, lanqas ma hemm qbil bejn l-appellant u ħuh Paul Camilleri dwar il-ħlasijiet li saru. Filwaqt li dan tal-aħħar sostna li tħallas lura biss is-somma ta' Lm20,000 (wara li kien preċedentement xehed li ma tħallas lura xejn mill-ammonti minnu mislufa), l-appellant jallega li dejjem iħallas xi ħaġa lil ħuh mill-paga tiegħu biex iżommu *happy.*

36. Altru għalhekk li l-verżjoni tal-appellant ġiet korraborata minn ħuh Paul u Joseph Borg, kif allegat fir-rikors tal-appell.

37. F'kull każ, l-appellant innifsu ddikjara li n-negozju beda sejjer ħażin mill-1993. Għalhekk, *dato ma non concesso* li l-appellant verament issellef l-£46,000 mingħand ħuh matul iż-żwieġ tiegħu mal-appellata, dak is-self ma jistax jitqies bħala att normali ta' ġestjoni tan-negozju (artikolu 1324 tal-Kodiċi Ċivili). Self li jekk sar, sar minn wara dahar l-attriċi. Għalhekk kif tajjeb qalet l-ewwel Qorti jekk jeżisti dak id-dejn, l-istess huwa responsabbli għalih l-appellant biss.

38. Il-Qorti taqbel mal-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti (ara l-parti tas-sentenza appellata bit-titlu *'Id-djun dovuti lil hu l-intimat'*), fejn hemm spjegat b'mod ċar x'wassalha biex ma temminx li Paul Camilleri sellef il-flus lill-konvenut.

39. Dwar ir-rikavat mill-bejgħ ta' sehem l-appellant minn Jaycee Catering, issir referenza għall-kuntratt tas-27 ta' Ottubru 2004 eżebit a fol. 28-29. Il-firmatarji kienu biss il-partijiet, Joseph Borg flimkien ma' martu u binthom Pauline Borg. Permezz tal-istess, l-appellant ittrasferixxa, bil-kunsens tal-appellata, is-sehem tiegħu fil-*partnership en nom collectif* Jaycee Catering lil Joseph Borg u martu u binthom, għall-prezz ta' Lm20,000 (€46,587). Għalkemm l-irċevuti in atti ma jkoprux l-ammont sħiħ[29] m'huwiex kontestat li Joseph Borg ħallas il-prezz kollu.[30]

40. Dak ir-rikavat daħal fil-komunjoni tal-akkwisti[31] b'dan illi l-appellata effettivament għandha dritt għal nofsu.

41. Tiċħad l-aggravju.

*Il-mobbli u l-vettura.*

---

[29] Fol. 147 *et seq*.
[30] Fol. 147 u 215.
[31] Art 1320 Kodiċi Ċivili.

42. L-appellant jilmenta ukoll li '*rigward il-mobbli u l-vettura'* mhux ġust li kull parti tibqa b'dak li ħadet. Argumenta li għandu jingħata €6,411 għal sehmu.

43. Skont il-prospett li ppreżenta l-appellant (fol. 416), din is-somma tirrappreżenta nofs il-valur tas-segwenti: karozza, flus li l-appellata allegatament sellfet lil oħtha, oġġetti ta' valur meħuda mill-appellata mid-dar matrimonjali u flus kontanti allegatament meħuda mid-dar matrimonjali.

44. L-appellata ċaħdet li selfet flus lil oħtha u ċaħdet ukoll li ħadet flus mid-dar matrimonjali.[32] Kif qalet l-ewwel Qorti, l-appellant ma ressaq l-ebda prova jew dettalji dwar l-allegati flejjes sabiex jikkorrabora dik l-allegazzjoni. Għalhekk il-pretensjoni hi mingħajr bażi.

45. Dwar l-oġġetti mobbli l-Qorti tal-ewwel grad ikkunsidrat illi:

> *"Il-Qorti rat illi ghalkemm il-kontendenti prezentaw elenku tal-oggetti mobbli prezenti fid-dar matrimonjali, hadd ma ta lil Qorti stima tal-valur ta' dawn l-oggetti. Minn naha taghha, r-rikorrenti tghid fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha illi hija m'ghandha ebda interess fl-oggetti mobbli li ghadhom fid-dar matrimonjali u mhux qed tippretendi li tiehu xi sehem minnhom. L-intimat minn naha tieghu, kif jidher mill-prospett a fol 416, qed jippretendi s-somma ta' €1,595 rapprezenanti l-valur tal-mobbli li u jghid ir-rikorrenti kienet hadet maghha meta telqet mid-dar. Il-Qorti tqis l-valur tal-mobbli li ghad hemm fid-dar matrimonjali huwa ferm aktar minn dan, u ghalhekk tqis illi m'hemm lok ghall-ebda rifuzjoni favur l-intimat, u minflok il-kontendenti ghandhom izommu l-mobbli li diga qieghdin fil-pussess taghhom."*

[32] Fol. 191.

46. A fol. 24 hemm lista ppreżentata mill-appellata tal-mobbli li skontha ħalliet warajha fid-dar matrimonjali. Da parti tiegħu l-appellant ippreżenta lista a fol. 99 li fiha semma l-oġġetti li l-attriċi ħadet: *quilt, 2 pillows, electric heater, lampshades, brass ornaments, suitcases, jewellery, picture frames, cash, king size parasol, gardening tools, expensive pottery, computer, gas heater, picture frames, dvd/camera, sewing machine, brass lampshades, ornaments, 2 fans, stereo system, scales irond, pictures, kettle, microwave, radiator, portable tv, hoover, expensive figurine, expensive cutlery and dinner set, lampshade, radiator* u *fan.*

47. Fl-affidavit tagħha a fol. 191 l-appellata tgħid li *gas heaters* kellhom tnejn u ftehmu li jieħdu waħda kull wieħed. Ċaħdet li ħadet xi flejjes jew oġġetti oħra, għajr *fairy ornament* bil-valur ta' €20 u l-magna tal-ħjata li kienet rigal mingħand missierha.

48. Il-Qorti diġa` kkonkludiet li m'hemmx prova li l-appellata ħadet l-allegati flejjes. Lanqas ma hemm prova li ħadet oġġetti oħra għajr dawk li semmiet. Iżda f'kull każ, l-appellant m'huwiex jilmenta li huwa kellu jiġi assenjat xi oġġett partikolari minn dawk li ħadet l-appellata. Jilmenta biss li mhux sew li kellu '*jitqanna b'dak li ħalliet warajha'* l-appellata. Għalhekk jippretendi li kellu jiġi kkumpensat €1,595 għall-oġġetti li skontu ħadet l-

appellata mingħajr ma jiġi meħud kont tal-oġġetti li tħallew fil-pussess tiegħu.

49. L-ilment hu fieragħ. Fl-ewwel lok kellhom jitqiesu l-assi kollha li kienu tal-komunjoni tal-akkwisti u mhux dak li jogħġob lill-appellant biss. Fit-tieni lok, l-appellant ma spjegax kif illikwida s-somma ta' €1,595 bħala valur tal-oġġetti li skontu ħadet magħha l-appellata. Fiċ-ċirkostanzi l-ilment hu bla bażi.

50. Dwar il-vettura fis-sentenza appellata ntqal:

> *"Rigward il-vettura Hyundai Accent, il-Qorti tirrileva illi r-rikorrenti kienet telqet minn Malta fl-2008 u kienet halliet din il-vettura warajha. Ghalkemm l-intimat jilmenta li kienet hallietha f'Regional Road, il-punt huwa li kien jaf fejn hi din il-vettura, u ghalhekk kien qieghed f'posizzjoni li juzaha hu kieku ried. Il-fatt li din kienet irregistrata f'isem ir-rikorrenti ma jfissirx illi l-intimat ma' seta' jaghmel xejn dwar din il-vettura, ghaliex apparti li seta' jipprova jirranga mar-rikorrenti sabiex amikevolment ir-registrazzjoni taghha tinqaleb fuq ismu, kieku ma wasalx ghal tali arrangement, seta' jintavola l-proceduri necessarji quddiem il-Qorti. Dak li huwa zgur huwa li din il-vettura ma kienetx fil-pussess tar-rikorrenti, izda tal-intimat sa mill-2008 u ghalhekk ma jirrizultax ghalfejn ir-rikorrenti ghandha thallas lill-intimat xi flus relattivi ghal din il-vettura, li llum il-gurnata ex admissis jghid li ghazel li jisskrappja."*

51. Il-vettura in kwistjoni hija Hyundai Accent tal-1996 li nxtrat fl-10 ta' Diċembru 1996 għall-valur ta' Lm5,152[33] u ġiet reġistrata fuq isem l-appellata.[34] Skont l-appellant f'Ottubru tal-2007 din il-vettura kienet tiswa Lm2,800 (€6,524)[35] filwaqt li skont is-sistema mħaddna mill-ADT l-istess

[33] Fol. 50.
[34] Fol. 49.
[35] Fol. 286.

vettura kellha *registration value* ta' €549 fil-15 ta' Mejju 2009, ossija ftit wara li nfetħu dawn il-proċeduri.

52. L-appellata sostniet li din il-vettura tħalliet ipparkjata quddiem id-dar matrimonjali[36] filwaqt li l-appellant isostni li kienet ipparkjata Regional Road.[37] L-appellata marret tgħix l-Awstralja għall-ħabta tal-2011[38] u eventwalment talbet lil iben il-partijiet jiskrappjaha.

53. Ħadd mill-partijiet ma xehed fejn jew għand min tħallew iċ-ċwievet tal-istess vettura matul dak iż-żmien, iżda skont ma xehdu, it-tnejn li huma kienu jafu fejn kienet tinsab il-vettura u li din ma kinitx qed tintuża u għażlu li jħalluha fejn kienet.

54. Fiċ-ċirkostanzi, m'hemmx bażi sabiex jintlaqa' l-ilment tal-appellant.

55. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

*Il-polza ta' assikurazzjoni*

---

[36] Fol. 191.
[37] Fol. 293.
[38] Fol. 409.

56. L-aħħar ilment tal-appellant hu dwar il-polza tal-assigurazzjoni. Jilmenta li din il-polza hija assimilata mal-kreditu dovut lill-bank fuq is-self tad-dar u għalhekk ma tistax tissarraf qabel jinbiegħ il-fond komuni.

57. L-appellata wieġbet li taqbel mad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti, ossija illi:

> *"Il-Qorti rat illi mhux kontestat illi din il-polza tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti. Il-Qorti rat ukoll illi l-intimat m'ghamel l-ebda sottomissjoni fis-sens illi jixtieq illi din il-polza tibqa' rregistrata f'ismu, fil-waqt li jhallas nofs il-valur taghha lir-rikorrenti. Ghalhekk il-Qorti tqis illi din il-polza ghandha tigi likwidata, u r-rikavat ghandu jinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet."*

58. Fl-affidavit ippreżentat mill-appellata fid-29 ta' Mejju 2009, inkludiet bħala assi komuni:

> *"life insurance policy held with Middlesea Valletta Life Assurance Company Limited, held in the name of my ex-husband (vide copy of a statement issued by Middlesea Valletta Life Assurance Company Limited, in connection with the said policy, a copy of which is being hereto attached and marked as document LB5."*

59. L-imsemmi doukument, datat 1 ta' Awwissu 2005,[39] jirreferi għal *life policy number FP400412* b'158.8139 unit f'MSV La Valette Malta u 443.7571 f'MSV La Valette Capital Growth bil-valur totali ta' Lm806.37. Min-naħa l-oħra l-appellant ippreżenta *statement* datat 13 ta' Mejju 2009 dwar '*Lifelink Growth'* bil-*policy number* FP441212 fuq *present basic sum assured* ta' €33,000.[40]

---

[39] Fol. 25.
[40] Fol. 129.

60. Għalkemm id-dokumenti nħarġu t-tnejn minn *Middlesea Valletta* Life, il-Qorti tifhem li l-polza li għaliha rreferiet l-appellata hi differenti minn dik li għaliha jirreferi l-appellant. *Se mai*, hija din tal-aħħar li hija marbuta mal-valur tal-*house loan.*

61. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tikkonferma dak deċiż mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-*life policy number FP400412.* L-istess għandu japplika fir-rigward tal-polza *Lifelink Growth'* bil-*policy number* FP441212, sakemm ma jirriżultax li din hija verament marbuta mal-kreditu dovut lill-bank fuq is-self tad-dar matrimonjali. F'dak il-każ, l-istess polza għandha tiġi likwidata meta jinbiegħ il-fond u kwalsiasi rikavat minnha jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Għal dawn ir-raġunijiet u sa fejn kompatibbli ma' dak li intqal hawn fuq, tilqa' l-appell tal-konvenut biss għal dak li jirrigwarda t-tieni u sitt aggravji, u tvarja s-sentenza appellata tas-26 ta' Frar 2018 billi tipprovdi:

i. Fl-ewwel paragrafu tal-parti dispożittiva tas-sentenza li wara l-kliem *".... u l-bqija tar-rikavat għandu jinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet",* jiżdiedu l-kliem:

> *"Mis-sehem tar-rikavat li jispetta lill-attriċi għandu jitħallas lill-konvenut in-nofs tal-pagamenti li għamel fir-rigward tas-self fuq id-dar matrimonjali, ħlasijiet taċ-ċens u maintenance fees għall-istess fond matul il-perjodu li jissemma f'paragrafu tnejn (2) tal-parti dispożittiva tas-sentenza u ukoll li ser ikun għamel sal-ġurnata tal-bejgħ tal-fond".*

ii. Tħassar dak li jingħad fis-sitt paragrafu tal-parti dispożittiva tas-sentenza appellata u tissostitwih b'dan il-kliem:

*'Tordna illi l-poloz tal-assigurazjoni numru FP400412 u FP441212 jiġu likwidati u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Iżda f'każ illi l-polza Lifelink Growth' bil-policy number FP441212 hija mirhuna biex jagħmel tajjeb għad-dejn fuq is-self li ta l-bank għall-akkwist tad-dar matrimonjali li għadu qiegħed jitħallas, għandha tiġi likwidata meta jinbiegħ il-fond u d-dejn jitħallas'.*

iii. Is-sentenza appellata hija konfermata għall-kumplament.

iv. Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal 85% a karigu tal-appellant u 15% a karigu tal-appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr